MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 249/2005/1

**Martin u Filippa konjugi Chetcuti**

**vs**

**Rosario u Josephine konjugi Gatt**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta’ Ottubru, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti ghal hsara li sofrew meta naqsu milli jirrifondu s-somma ta’ erba’ u tletin elf lira Maltija (Lm34,000) prezz imhallas mill-atturi ghall-akkwist ta’ propjeta mmobiljari skond

konvenju datata 20 ta’ Dicembru 2000 (Dok A) li skada fl-20 ta’ Gunju 2001. Ir-rifuzjoni tal-prezz saret permezz ta’ cekk li ntbaghat flimkien ma‘ ittra legali datata 30 ta’ Ottubru 2003 (Dok B).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta Dicembru 2003 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta’ kompetenza jigi ddikjarat li l-ammont pretiz ma jaqbisx il-kompetenza ta’ din il-Qorti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 4 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Il-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur tal-Art. 1027 u 2153 tal-Kap. 16.
2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi ebda ammont ma hu dovut lill-atturi billi l-istess atturi qatt ma talbu r-rifuzjoni tas-somma in kwistjoni la verbalment u wisq anqas b’att gudizzjarju.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza b’mod specjali dak verbalizzat a fol 25 kif ukoll in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti a fol 26 et seq ibid, li baqghet minghajr risposta.

Ikkunsidrat

Illi, preliminarjament, ghandu jigi rilevat illi d-dokumenti markati “Dok A” u “Dok B” imsemmijin bhala annessi mal-avviz in esami, filfatt ma humiex hekk annessi u qatt ma gew esebiti f’dawn l-atti.

Ikkunsidrat

Illi minn esami tal-istess avviz, jidher “prima facie” mill-kliem li ntuza fih ossija “…hsara li sofrew..” li dan il-kaz trattasi ta’ likwidazzjoni ta’ somma allegatament dovuta bhala danni “ex delicta” u

dan minhabba li l-konvenuti naqsu milli jirrifondu s-somma ta' Lm34,000 imhallsa mill-atturi ghall-akkwist ta' propjeta immobbli skond konvenju, li kif di gja nghad, mhux esebit ma' dawn l-atti, u li skada fl-20 ta' Gunju 2001, liema refusjoni filfatt kienet saret permezz ta' "cheque" li ukoll mhux esebit u li kien aktarx datat it-30 ta' Ottubru 2003.

Fl-istess avviz jinghad li, in konnessjoni mat-talba kif maghmula, l-atturi kienu ppresentaw ittra ufficjali fil-5 ta' Dicembru 2003.

Illi, mill-premess, jidher, li aktarx id-danni pretizi huma ta' natura delittwali u mhux kontrattwali .

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 1027 hawn fuq imsemmi jirreferi ghall-kwazi kuntratt ta' indebiti solutio" u jghid li azzjoni bazata fuqu hi preskritta bit-trapass ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball. Illi l-artikolu 2153 jispecifika illi l-azzjoni ghall-hlas ta' danni jew hsarat mhux kagunati b'reat taqa', ukoll, bi trapass ta' sentejn.

Ikkunsidrat

Illi, bhala provi, in rigward l-eccezzjoni preliminari in esami gie, prodott, biss, il-konvenut (fol 14 u fol 20 ibid) u li xehed li kien minnu illi hu kien obbliga ruhu li jbiegh, permezz ta' konvenju, lill-konvenut, post jew art Haz-Zebbug, b'dan tal-ahhar jhallas is-somma ta' Lm34,000 fuq l-istess konvenju li kellu jibqa "in vigore" ghal sitt xhur. L-istess konvenju kien filfatt skada avolja x-xhud kien wera' l-intenzjoni tieghu, lin-Nutar involut illi kien "dispost li niffirma l-att finali". Wara xi xhur mill-iskadenza tieghu, l-istess Nutar kien qallu li ".. l-iehor mhux ser jasal". Difatti l-attur kien jghidlu "… issa naraw". Eventwalment l-attur kien irrifonda l-ammont kollu ta' Lm34,000 permezz ta' "bank draft" datat it-28 ta' Ottubru 2003 u li gie

msarraf mill-attur L-istess attur jsostni li qabel ma sar dan il-hlas, hu ma kien ircieva ebda ".. .karta mill-Qorti jew xi forma ta' ittra ohra". In kontroesami l-attur sostna li l-konvenju kien skada fl-20 ta' Gunju 2000, li kien hu stess li hallas lin-Nutar involut, u li "… snin wara…" kien mar jitkellem mal-Avukat ta' fiducja tieghu. Inoltre "… xi tlett snin wara…" jidher li kien fegg l-attur li pproponilu li jsir konvenju iehor, izda hu kien qal lill-attur "… illi ser nara x'ser jghidli l-avukat ". Dan tal-ahhar kien tah il-parir li jirrifondi lura s-somma msemmija, kif filfatt ghamel, u dan avolja l-attur, fil-perjodu kollu ta' madwar tlett snin mill-iskadenza tal-konvenju, qatt ma kien talab ir-refuzjoni tal-istess somma.

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi kif esposti, irrisulta li l-konvenju kien skada fid-19 ta' Gunju 2001 u b'hekk mill-ghada l-20 ta' Gunju 2001, l-attur seta jistitwixxi proceduri legali sabiex issir ir-refusjoni tal-istess ammont gja mhallas. Pero jidher li ma sar xejn minn dan.

Filfatt jirrisulta mill-istess avviz illi l-ewwel att gudizzjaru li sar mill-attur kienet l-ittra ufficjali msemmija fl-avviz u presentatata fil-5 ta' Dicembru 2003 segwita bl-avviz in esami prezentat fit-28 ta' April 2005.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-artikolu 1027 citat dan jirreferi ghall-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli f'kaz ta' azzjoni sabiex jintalab dak li jkun nghata minghajr ma kien jmiss liema perjodu jiddekorri minn meta jinkixef l-izball. Fil-fehma ta' dan il-Qorti, l-kaz in desamina ma jinvolviex il-kwazi kuntratt ta' "indebiti solutio" stante li jidher li l-pagament tal-prezz, jew parti minnu, mal-firma tal-konvenju kien sar intenzjonalment bi ftehim bejn il-partijiet u ma

kienx xi pagament li sar bi zball meta ma kienx dovut. Ghalhekk dan l-artikolu ma hux applikabbli.

Ikkunsidrat

Illi, b'referenza ghall-artikolu l-iehor citat, kif di gja nghad, mill-esami tal-avvizi, hemm indizji li l-bazi ta' din l-azzjoni hi wahda delittwali u mhux kontrattwali. Mill-provi kif esposti jidher li mid-data ta' skadenza tal-konvenju msemmi u l-ewwel att gudizzjarju prezentat mill-attur, skadew aktar minn sentejn, f'liema perjodu ma sar ebda rikonoxximent da parti tal-konvenuti illi hemm dovuti danni minhabba dewmien fir-refusjoni tas-somma ta' Lm34,000 imsemmija. Konsegwentement fid-dawl tal-provi u sottomissjonijiet prodotti u maghmula sallum, jidher li t-talba in esami hi preskritta.

Ikkunsidrat

Illi ma jistax ma jigix rilevat illi ma ingieb xejn a konjizzjoni tal-Qorti sabiex Din tkun tista' tghid li din l-azzjoni hi bazata fuq ksur ta' obbligazzjoni kuntrattwali f'liema kaz kien jkun applikabbli perjodu ta' preskrizzjoni iehor u din bazata fuq danni allegatament dovuti minhabba xi nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni assunta mill-konvenuti a bazi tal-konvenju li kien sar bejn il-partijiet u li skada, kif hawn fuq premess.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni preliminari kif sottomessa a bazi tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili u tiddikjara din l-azzjoni bhala preskritta w estinta, bl-ispejjes jithallsu mill-istess atturi."

L-appell ta' l-atturi sottomess lil din il-Qorti hu dirett biex jikkontesta r-ragonament u l-konluzjoni ta' l-ewwel Qorti li akkolliet il-preskrizzjoni opposta mill-konvenuti fit-termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Provvediment dan li

jistabilixxi illi "l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn";

Hi gurisprudenza antika li, fl-interpretazzjoni li taghti lill-precitat artikolu tal-Kodici Civili, tafferma illi dik l-azzjoni ghar-rizarciment tad-danni "*corrisponde a quella che nella giurisprudenza romana si derivava direttamente o indirettamente dalla Legge Aquilia, e sarebbe una interpretazione estensiva non giustificabile, ne con leggi positive ne con principi razionali, di estendere l'applicazione di quell' articolo a ogni caso di domanda di indennita` per violazione o inadempimento di contratto*" ("**Camilleri -vs- Dr. Frendo**", Appell Kummercjali, 22 ta' Frar, 1889). Dan il-kumment sekolari gie segwit f'bosta decizjonijiet ohra li, filwaqt li rriaffermaw illi d-dispost tal-ligi *de qua* hu applikabbli ghad-danni derivanti minn dolo u kolpa extra-kontrattwali, irretenew ukoll illi fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni rizultanti minn inadempiment ta' obbligazzjoni kontrattwali "*è invece applicabile la prescrizione quinquennale che regola gli effetti del contratto*". Ara "**Giuseppe Attard *nomine* -vs- Alfredo Zerafa**", Qorti tal-Kummerc, 24 ta' April, 1906; "**Negte. Salvatore La Rosa de Cristoforo *nomine* -vs- Henri Rouselle**", Appell Kummercjali, 12 ta' Frar, 1936; "**Joseph Micallef *nomine* -vs- Carmelo Cassar**", Appell Civili, 27 ta' April, 1953 u "**Raphael Micallef -vs- Anthony Agius**", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000;

Fil-kaz prezenti hu manifest mill-istess att promotur ta' l-Avviz illi l-azzjoni esperita hi wahda diretta ghall-prosegwiment tad-danni li l-atturi appellanti jallegaw li sofrew meta l-konvenuti zammew ghandhom ghal zmien l-ammont stabbilit fl-avviz u lilhom imhallas fuq konvenju bhala akkont tal-prezz. Il-konvenuti opponewlhom din it-talba billi in linea preliminari eccepew il-preskrizzjoni predetta. Fl-akkoljiment taghha ta' din l-eccezzjoni l-ewwel Qorti rragunat illi mill-ezami ta' l-avviz hemm indizji li l-bazi ta' l-azzjoni hi wadha delittwali u mhux kontrattwali. Bir-rispett kollu dovut anke jekk wiehed

jillimita ruhu ghal semplici ezami, anke superficjali, ta' l-Avviz ghandu jkun evidentement car illi minn imkien minnu ma jiddixxendi illi d-danni reklamati ghandhom rabta ma' att delittwali, jew anke *quasi-delittuali*;

Huwa veru li, kif drabi ohra ritenut, "il-htija meta tigi konsiderata fl-entita` guridika taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha *aquiliana*, li titnissel minn delitt jew kwazi-delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-'kawza' u fil-'grad', in kwantu, dwar il-kawza, il-htija kontrattwali tippersupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hi marbuta, mentri l-htija akwiljana tippresupponi fatt li minnu titnissel *ex nunc"*, ("**Mary Vassallo -vs- Giovanni Mizzi *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' April, 1949). Ugwalment ukoll, huwa veru "li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, pero`, biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali jehtieg li dik il-vjolazzjoni ma jkollhiex rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti, l-ghaliex anke fil-presenza ta' kuntratt jiddependi mic-cirkustanzi l-gudizzju jekk il-kolpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew akwiljana" ("**Joseph Busuttil -vs- Emmanuele Schembri**", Appell Kummercjali, 19 ta' Frar, 1954);

Oggettivament, in-ness ta' kawzalita` li jaghmlu l-atturi appellanti jirreferixxi ghar-rapport li jitnissel minn att ta' konvenju u dik tal-kondotta tal-konvenuta skaturita minn dan l-istess rapport. L-ebda delitt jew kwazi-delitt ma huwa prospettat u allura ma jidherx li kienet hekk korretta l-ewwel Qorti li assoggettat l-azzjoni proposta ghar-regim preskrizzjonali tad-dannu extra-kontrattwali;

Fil-kuntest raffigurat mill-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili, il-konvenju hu dak il-ftehim, ghal liema l-ligi tippreskrivi l-forma tal-kitba [Artikolu 1233 (1) (a), Kodici Civili], li permezz tieghu l-partijiet jobbligaw ruhhom ghal kuntratt iehor distint u finali. Hu, allura, fonti ta' obbligazzjonijiet

inerenti ghan-negozju sottoskritt bejn il-partijiet in kwantu ddetermina dak l-obbligu reciproku li huma jaddivjenu ghall-istipulazzjoni tal-kuntratt definittiv. Independentement, ghalhekk, mill-kwestjoni ta' xi inadempjenza jew xi konkors ta' kolpa tal-konvenuti, anke ghaliex din tmiss il-meritu u, allura hu sewwa li din tithalla ghall-ezami mill-ewwel Qorti, il-vera kontroversja hawnhekk, koncepita mill-appellanti ma kellhiex tattira lejha l-applikabilita` tal-preskrizzjoni bjennali sollevata mill-konvenuti b'dak l-artikolu tal-ligi pretiz minnhom . Dan ghaliex id-domanda ghad-danni individwata mill-appellanti u li fuqha qed jindirizzaw ruhhom, hi minn dawn allaccjati ma' dak tar-rapport intervenut bil-konvenju, mhux minn xi obbligazzjoni provokata minn illecitu akwiljan.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva sollevata mill-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili in kwantu din mhix applikabbli ghall-fattispeci. L-ispejjez jitbatew mill-konvenuti appellati. Il-kawza qed tigi rimandata lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni u definizzjoni tal-mertu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------